## 21 ta' Jannar, 1967

**Imhallef:**

**Onor. V.R. Sammut, B.A., LL.D.**

Carmelo Vassallo

*versus*

Giuseppe Sammut et noe

**Sensal — Senserija — Servigi.**

*Meta s-sensal ikun m'hux biss laqqa' l-partijiet imma jkun wc salhom anke ghall-ftehim dwar il-prezz, allura lilu tkun d vuta s-senserija kollha, anke jekk ma jkunx preżenti gha akkordju finali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvediment opportuni; u premess illi l-konvenut oiegħ x-char-a-banc liċenzja numru 2889, li taħdem fuq il-linja tal-Mellieħa, bil-prezz ta' erbat elef u sitt mitt lira (£4,600) lil ċertu Mikiel Gauci; u premess illi l-imsemmi bejgħ sar bil-medjazzjoni tal-attur li kien is-sensal fl-istess bejgħ; u premess illi l-konvenut għalkemm interpellat bl-ittra tal-10 ta' Jannar, 1961, ma ħallasx sehmu (ċioè in-nofs) mis-senserija dovuta lill-attur, li jammonta għal tlieta u għoxrin lira (£23); talab illi, għar-raġunijiet fuq imsemmija l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' tlieta u għoxrin lira (£23) dovuta minnu għan-nofs is-senserija tal-bejgħ tax-char-a-banc, liċenzja numru 2889, li sar mill-konvenut lil ċertu Mikiel Gauci bil-medjazzjoni tal-attur. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra tal-10 ta' Jannar, 1961, kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa l-inkompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae" u, subordinatament u fil-meritu, qal li fin-negozju issuċċedew ruħhom żewġ sensala u billi l-attur ma riedx jirrikonoxxi l-kompartecipazzjoni ta' l-ieħor — l-eċċipjent iddepożita favur tagħhom sehmu mis-senserija permezz ta' ċedola tas-17 ta' Jannar, 1961 (Dok. A. eżibit mil-konvenut); u li għalhekk għandu jiġi liberat mit-talba, bl-ispejjeż.

*Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u n-nota tax-xhieda tiegħu;*

Rat illi l-eċċezzjoni tal-inkompetenza ġiet irtirata (fol. 8) meta din il-kawża kienet pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta;

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta' Diċembru, 1961 li biha, wara li asteniet ruħha milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza li ġiet irtirata, laqgħet it-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat illi, fuq appell magħmul mill-konvenut, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, billi rriteniet illi kien neċessarju illi l-kwistjoni ġudizzjarja tiġi diskussa u deċiża anki fil-konfront ta' Carmelo Sammut, li ma kienx parti fil-kawża, b'sentenza tagħha tal-4 ta' Mejju, 1962 annullat l-imsemmija sentenza u irrinvjat il-kawża quddiem din il-Qorti biex tiġi trattata u deċiża anki fil-konfront ta' l-imsemmi Carmelo Sammut, u b'dan li l-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu riżervati għad-deċiżjoni finali;

Rat id-digriet li bih ġiet ordnata s-sejħa fil-kawża tal-imsemmi Carmelo Sammut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-istess kjamat fil-kawża li biha qal illi l-bejgħ tal-bus in kwistjoni sar bil-ħidma tiegħu biss, billi f'dik l-istess ġurnata l-attur ħa persuni oħra biex jixtru l-istess bus, u għalhekk l-attur kien irrinunzja għal kwalunkwe dritt li seta' qatt kellu għal xi kumpens għal bejgħ tal-bus. Kieku seta' l-attur ħassar in-negozju li sar mill-konvenut, billi huwa ippropona xerrejja differenti lis-sid oriġinali tal-bus.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamat in kawża u n-nota taxxhieda tiegħu;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet l-avukati;

Il-fatti tal-kawża huma dawn:

Mikiel Gauci kien semma lill-attur li ried jixtri char-a-banc, u ftit ġranet wara l-attur informah li kien sablu waħda, għaliex fil-frattemp kien tkellem mal-konvenut, li kien preparat ibiegħ ix-char-a-banc tiegħu lil Gauci. L-attur reġa' tkellem ma' Gauci, li ddikjaralu illi, jekk isib xi ħaddieħor li jixtriha miegħu, jixtriha; u fil-fatt sab lil ċertu Grima biex jidħol miegħu għax-xiri.

Il-konvenut ried mill-ewwel il-prezz ta' £4,600, imma Mikiel Gauci kien wasal, fil-preżenza tal-attur, għal £4,200; però l-konvenut baqa' jinsisti għal £4,600 u xejn anqas. Wara li Grima tella' s-somma sa £4,400 liema ċifra l-attur irriferixxa lil Mikiel Gauci, l-attur qal lil Grima u qallu biex iżid il-mitejn lira differenza, għaliex kien hemm ħaddieħor interessat. In segwitu n-negozju sar b'£4,600.

Dak inhar li sar in-negozju Mikiel Gauci qal lill-attur biex imur miegħu għand il-venditur biex iġib ix-char-a-banc però l-attur qalu biex imur hu għaliex l-attur ma setax.

L-attur mar mal-kjamat fil-kawża Carmelo Sammut kuġin tal-konvenut, u x-xirja sar £4,600.

Billi nqalgħet kwistjoni rigward il-ħlas tas-senserija, li ġiet pretiża fl-intier tant minn l-attur kemm mill-kjamat fil-kawża, l-avukat tal-konvenut, wara tentativi ta' arranġament, iddepożita l-flus taħt l-awtorità tal-Qorti, biex jiġu liberament żbankati mill-intimandi jew min minnhom fil-proporzjoni li tiġi eventwalment deċiża jew miftiehma minnhom (Ċedola tas-17 ta' Jannar, 1961, fol. 6 tal-proċess).

Ikkunsidrat;

L-attur iddepona illi xi nofs siegħa wara li sar il-bejgħ tax-char-a-banc huwa kellem lil-konvenut, u staqsieh jekk

Gauci kienx mar u huwiex kollox sewwa, u illi l-konvenut irrispondih: "Is-senserija għalik".

Ix-xerrej, Mikiel Gauci, xehed illi fit-tmienja ta' fil-għodu dak inhar tal-bejgħ l-attur kien qallu biex jieħu x-char-a-banc b'£4,600. Huwa ipprova ma jonfonqx daqshekk, u fil-ħdax ta' fil-għodu iddeċieda jixtrih £4,600. Meta qal lill-attur biex imur miegħu għax-char-a-banc, l-attur qallu: "Jien il-lejla wiegħedt lil ħadlieħor b'£4,600; jiena miegħek ma niġix; jekk trid tmur, mur ma ħaddieħor". Gauci qal lill-attur li kien sejjer jagħti £4,600 lill-konvenut.

Mikiel Gauci kompla jgħid li allura mar jieħu kafe fil-ħanut tal-kjamat fil-kawża, Carmelo Sammut, li staqsieh kienx xtara x-char-a-banc mingħand kuġinuh. il-konvenut; u spiċċaw biex hu u dan Carmelo Sammut marru flimkien, u illi x-xiri sar b'£4.600 wara illi Michael Gauci staqsa lill-konvenut riedx iħallihulu b'inqas, hu ma riedx. Gauci ma jiftakarx jekk kienx hu li qal lil Carmelo Sammut biex imur miegħu jew kienx dan li offra li jmur miegħu.

Gauci żied igħid illi, meta qabel ma mar fil-ħanut ta' Carmelo Sammut biex jixrob xi ħaġa, ried possibilment jiffranka xi ħaġa mill-prezz, però fl-aħħar mill-aħħar kien lest jixtri bil-prezz li kien talbu l-konvenut, u l-attur kien qallu: "Jekk ma tridx titilfu mur issa l-għaliex jekk ma tieħdux int, il-lejla hemm ħaddieħor għalih" (jew —fol. 74 — "mur, il-għaliex il-lejla jmur ħaddieħor"); u kien għalhekk li Gauci mar dak il-ħin stess.

Gauci spjega li meta lill-attur qallu li sejjer jixtri x-char-a-banc, dan qallu: "Jiena miegħek ma niġix il-għaliex wiegħedt lill-ħaddieħor. Jekk trid tmur mur għalih waħdek."

L-attur xehed ukoll illi huwa qal lil Gauci: "X'niġi nagħmel jekk se tieħdu b'dak il-prezz" (jiġifieri £4,600).

Carmelo Vella li kien tħajjar jixtri x-char-a-banc, xehed li hu l-attur u x-xhud Camilleri kienu marru jfittxu lill-konvenut, u meta sabuh f'ħanut l-Għadira qalilhom li x-char-a-banc kien biegħu lil Mikiel Gauci; u qal lill-attur: "Ix-char-a-banc bgħedt; int tħabat għal ħotba u ma ntellifilekx". Kienu marru qal, għaliex fil-għodu ta' dik il-ġurnata l-attur kien mar sabhom u staqsiehom riedux jixtru char-a-banc li kien għal bejgħ.

Il-konvenut xehed li xi ġimgħatejn wara l-bejgħ huwa offra lill-attur għaxar liri jew tnax-il lira, imma l-attur ried is-senserija kollha, mentri Carmelo Sammut qallu li n-negozju għamlu hu. Qal illi lil Carmelo Sammut qatt ma semmielu xi prezz li kien jippretendi għax-char-a-banc, u li ma jafx li lill-attur qallu: "is-senserija għalik; ma nħallikx tbati", u lanqas li qallu: "Il-ħotba m'inhix sejjer intellifilek"; u li jekk qal hekk nesa'. Però a fol. 84 qal: jiena għidt lill-attur: "Ma nħallikx tbati", u li kien qed jirriferixxi għal ħotba.

Nazzarenu Camilleri ikkonferma illi l-Għadira l-konvenut qal lill-attur: "Il-ħotba m'inhix sejjer intellifilek" u: "Ma nħallikx tbati"; u illi l-konvenut qal lill-attur ukoll illi l-karrozza mar żamma Mikiel Gauci u li kien indaħal il-kjamat in kawża. Però l-konvenut qal ukoll lill-attur li kien semmieh mal-kjamat in kawża.

Carmelo Sammut, il-kjamat in kawża, iddepona illi Gauci qallu li qed jixtri karrozza u s-sensal ma jridx imur miegħu, u li quddiemu l-konvenut qal lil Gauci illi ried £4,800 u Gauci qallu: "Mela nieħdu". Xehed ukoll illi qabel ma Gauci qallu jmur miegħu għax-char-a-banc kien għadu ma ftehimx fuq il-prezz.

Ikkunsidrat:

Fil-ġurisprudenza tagħna ġie ritenut illi meta t-trattativi ta' bejgħ ikunu mibdijin mis-sensal u dan ikun laqqa' l-partijiet u l-partijiet ikunu tħaddtu fuq il-prezz u l-kondizzjonijiet però, ma jaslux għal ftehim, u dan il-ftehim isir permess ta' sensal ieħor, bl-istess kondizzjonijiet ta' qabel, ġie dejjem mogħti kumpens lis-sensal skond ix-xogħol li għamel u l-importanza tal-operazzjoni, għax huwa jkun ikkontribwixxa għas-suċċess tan-negozju; u illi għalkemm in-negozju ma jkunx konkluż permezz ta' dak is-sensal, il-kumpens tiegħu ma jistax jiġi negat. (App. 16.2.1945: Pio Maria Muscat vs Carmelo Petroni, Kollez. Vol. XXXII, i, 555, b'ċitazzjoni ta': App. 28.3.1930: C. Dimech vs. P. Vella; App. 12.12.1919 Borg vs. Rizzo Vol. XXIV, i, 44; App. Inf. 2.2.1931: Chircop vs. Pullicino Vol. XXVIII, i, 1901; u App. 9.2.1934: C. Busuttil vs. C. Lateo).

**Fis-sentenza: P.ċA. Paolo Bonavia vs. Carmelo Grech 21.2.1947 Vol. XXXIII, ii, (29) 23 ġie rilevat, wara li saret distinzjoni bejn is-senserija fil-kamp ċivili u fil-kamp kummerċjali:** "Illi dwar operazzjoni li jkunu ndaħlu għaliha aktar minn sensal wieħed, fil-kamp kummerċjali l-każ huwa maħsub fl-Art. 98 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, u billi d-dispożizzjoni hija ċara ma għandniex noħorġu mit-termini tagħha; jekk għandha nimxu fil-kamp ċivili, b'analoġija għad-dispożizzjonijiet kummerċjali, fejn u in kwantu applikabbli f'dina l-materja, dina l-Qorti taħseb illi anki allura għandna nibqgħu bejn wieħed u ieħor fl-istess termini".

L-Art. 98 jiddisponi: "Meta sensal pubbliku jkun beda affari li mbagħad jispiċċa wieħed ieħor fuq il-kondizzjonijiet ittrattati minn dak ta' l-ewwel, id-dritt tas-senserija jinqasam bejn iż-żewġ sensala; iżda jekk l-affari ssir b'kondizzjonijiet oħra minn dawk ittrattati minn l-ewwel sensal, id-dritt tas-

senserija jmiss lit-tieni sensal".

Ikkunsidrat:

Fil-każ preżenti, mill-eżami tad-dispożizzjonijiet kollha, li f'ċerti punti kienu konfliġġenti, din il-Qorti jidhrilha illi għal-kemm l-attur ma kienx preżenti fil-bejgħ, kien hu li wassal il-partijiet għal konklużjoni tan-negozju, tant illi Mikiel Gauci kien sejjer għand il-konvenut biex jirtira x-char-a-banc, bil-prezz ta' £4,600; u għalhekk is-senserija tispetta lill-attur.

Il-konvenut kien ġa aċċetta li jbiegħ b'£4,600 u Mikiel Gauci kien lest iħallas dak il-prezz, għalkemm xtaq jiffranka xi ħaġa minnu, meta reġa 'mar l-aħħar darba. Il-fatt li l-attur ma marx ukoll ma jimportax rinunzja da parti tiegħu, speċjalment meta qallu biex imur jieħu l-karrozza qabel ma joħodha ħaddieħor li kien ukoll fi trattativi.

Mill-istess depożizzjoni tal-kjamat in kawża ma jirriżultax illi meta dan akkompanja lil Gauci għand il-konvenut ħa xi parti anki minima, f'xi trattativi jew iddiskuta xi ħaġa. Kull ma jirriżulta minn din id-depożizzjoni huwa illi Gauci, mingħajr ebda parteċipazzjoni tal-kjamat in kawża fid-diskors ta' allura, jew fit-trattativi ta' qabel, aċċetta li jixtri bil-prezz ta' £4,600 li ried il-konvenut, — prezz li kien wassalu l-attur, u li hu kien lest iħallas meta l-attur bagħtu waħdu.

Dan ma jintitolax lill-kjamat in kawża għal ebda senserija. Talvolta jista' jkollu unikament dritt għal xi kumpens min-għand Gauci talli mar miegħu, imma ebda dritt kontra l-kon-venut, li miegħu ma kellu xejn x'jaqsam. Jingħad ukoll illi l-attur, konfrontat mal-kjamat fil-kawża xehed illi dan qallu fil-ħanut tiegħu Charles Bar li ma jrid xejn u: "Lili ttellgħunix il-Qorti għax jiena ma għandix x'naqsam" (diskors, però, li l-kjamat in kawża innega).

Ikkunsidrat:

Peress illi l-attur kien is-sensal fl-operazzjoni in kwistjoni, huwa għandu d-dritt jirreklama mingħand il-konvenut issenserija li tisħoqqlu, in kwantu għas-sehem dovut minn dan, liema senserija ġiet lill-attur rikonoxxuta mill-konvenut fil-presenza tax-xhieda.

Kwantu għad-depożitu magħmul mill-konvenut, il-Qorti jidhrilha illi dan id-depożitu ma jissostitwix il-pagament, għaliex ma jkoprix, is-somma kollha dovuta u għalhekk ma huwiex integru, billi ġew imnaqqsa l-ispejjeż tad-depożitu li setgħu ma tnaqqsux, salva riżerva favur id-depożitant.

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni tal-inkompetenza, irtirata mill-konvenut.

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba tal-attur kontra l-konvenut. L-ispejjeż jitħallsu mill-kjamat in kawża peress li l-kawża ġiet neċessitata minħabba l-pretensjoni tiegħu.